MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Rikors Numru. 214/2013

**A B**
**vs**
**Dr Anthony Cutajar u Prokuratur Legali Liliana Buhagiar**
**b'digriet tat-28 ta' Mejju 2013 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attur tal-24 ta' April 2013 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

Illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta' Marzu tas-sena 1990;

Illi r-rikorrenti huwa legalment separat minn ma' l-intimata C B u ilu hekk separat ghal dawn l-ahhar 10 snin, u dana

permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Elena Farrugia tat-13 ta' Frar 2003;

Illi in oltre jinghad illi l-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi gie emendat f’xi klawzoli tieghu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Farrugia datat 27 ta' Lulju 2004;

Illi ai termini tal-klawzola numru 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet iddekadew milli jircievu u/jew jitolbu manteniment minghand xulxin, u kwindi m'hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment f’dan is-sens;

Illi miz-zwieg taghhom il-partijiet kellhom zewg itfal, Andre u Jacques Stiva1a illi ghandhom 21 sena u 16-il sena rispettivament - skont il-kuntratt ta' separazzjoni, fi klawzola numru 5, ir- rikorrenti kien originarjament obbliga ruhu illi jhallas is-somma ta' Lm250 [ekwivalenti ghal £582.34] fix-xahar ghaz-zewgt itfal. Din is-somma ta' manteniment giet ridotta ghal Lm150 [ekwivalenti ghal €349.41] fix-xahar ghaz-zewgt itfal ghall-perjodu tas-Sajf peress li t-tfal bdew joqoghdu mal-missier fil-vaganzi tas-Sajf, u dan ai termini tal-klawzola 3 ta' l-emenda u ghal Lm200 [ekwivalenti ghal €465.87] fix-xahar ghaz-zewg ulied ghall-perjodu tax-Xitwa ai termini ta' l-ahhar paragrafu fl-ahhar pagna ta' Dok. B. Dan il-manteniment huwa dovut sakemm it-tfal isibu impjieg fiss.

Illi jinghad li r-rikorrenti dejjem ottempora ruhu mal-hlasijiet tal-manteniment versu uliedu skont kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni u fl-emenda. Jinghad pero illi circa hames snin ilu l-intimata C B telqet minn Malta ghal kollox u marret tghix l-Awstra1ja, halliet lit-tfal tal-partijiet warajha u minn dak iz-zmien kif ukoll fis-snin precedenti t-tfal bdew jirrisjedu kompletament u esklussivament ma' missierhom ir-rikorrenti li ipprovda ghall-bzonnijiet kollha taghhom u ghadu jipprovdi ghalihom sal-gurnatat tal-lum. Kwindi lanqas ma hemm kwistjonijiet ta' manteniment fil-konfront ta' l-istess tfal;

Illi m'hemm assolutament l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet peress illi tenut kont taz-

zmien konsiderevoli illi ilhom legalment separati minn xulxin u jghixu 'il boghod minn xulxin addittura gewwa zewg pajjizi estremament 'il boghod minn xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ghalhekk jissussistu l-elementi kollha indikati fl-Artikolu 66B tal-Kap, 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant in vista ta' dan fuq premess, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg tal-partijiet; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati tas-17 ta’ Gunju 2013 li permezz taghha issottomettew li kienu fl-impossibilta’ li jikkomunikaw mal-assenti.

Rat in-nota tal-attur ta’ l-20 ta’ Gunju 2013 u l-verbal tal-udjenza tad-9 ta’ Lulju 2013 fejn l-attur iddikjara li ma kellu l-ebda informazzjoni dwar fejn kienet qed tirrisjedi l-konvenuta gewwa l-Awstralja.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fis-17 ta’ Marzu 1990, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal illum wiehed minnhom ghadu minorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Marco Farrugia fis-13 ta' Frar 2003;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------